# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**Seduta numru 38 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 27 ta' Jannar, 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 38 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr  nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Nomini u Preparamenti Ġieħ l-Imġarr
5. Inawgurazzjoni tal-Heritage Trail
6. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

### 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

### 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet diskussa korrispondenza mingħand il-Malta Amateur Athletics Association (MAAA) sabiex għat-tielet sena konsekuttiva jittella' fl-Imġarr in-National Mountain Running National Championships. Id-data proposta hija dik tas-Sibt 21 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill iddisjuta din il-talba u approva dan l-avveniment kif propost.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa oħra ta' koordinament dwar il-proġett ta' l-Għasfura. Ġie irrappurtat kif ix-xogħol miexi speċjalment fejn jidħlu l-aperturi, kemm mix-xogħol tal-ħadid li prattikament hu lest, kif ukoll fix-xogħol tal-injam.

3.2 Clayton Gauci qajjem il-punt dwar il-pompa tal-pjazza, biex il-Kunsill ikun jaf f' hix wasal dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed iffittex informazzjoni biex jirrapporta lura.

**4. Nomini u Preparamenti Ġieħ l-Imġarr 2016**

4.1 Il-Kunsill irċieva dawn in-nomini :

- Luke Galea;
- Elaine Vella;
- Angela Portelli;
- Mary Rose Schembri;
- Domenique Buttigieg;
- Soċjeta' Filarmonika Marija Mtella' s-Sema;
- Joseph Grima;
- Maria Vella u l-Katekisti tal-Paroċċa ta' l-Imġarr;
- Carmel Muscat.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta kull nomina u eżamina bir-reqqa kull ġustifkazzjoni tan-nomini proposti.

4.3 Wara dan l-iskrutinju, il-Kunsill unanimament qabel li jingħataw dawn il-premijiet :

- Unur Żgħażagħ : Luke Galea
- Rikonoxximent : Joseph Grima u Carmel Muscat
- Ġieħ l-Imġarr : Dr Dennis Mizzi

4.4 Dr Dennis Mizzi ma kienx innominat, iżda ġie imressaq għall-konsiderazzjoni mill-Kunsillier Elizabeth Ebejer, skond in-normi stabiliti. Il-Kunsill ddiskuta din il-proposta, u qabel unanimament li Dr Mizzi jingħata Ġieħ l-Imġarr.

4.5 Barra min-nomini, il-Kunsill ddiskuta l-preparamenti li kienu qed iseħħu għal dan l-avveniment annwali.

## 5. Inawgurazzjoni tal-Heritage Trail fl-Imġarr

5.1 Eman Vella ippropona il-programm għall-inawgurazzjoni tal-Imġarr Heritage Trail li ser issir il-Ħadd 31 ta' Jannar 2016, fl-inħawi tal-masġar ta' Darrenzi, quddiem l-istatwa ta' Padre Pio.

5.1 Il-programm jikkonsisti f' diskorsi tal-okkazzjoni mis-Sindku, mill-Onorevoli Stefan Buontempo u mill-Onorevoli Ian Borg. Wara dan, Eman Vella ser jagħti preżentazzjoni tal-proġett, ix-xogħol involut u l-pjanijiet tal-Kunsill għal-futur relatati ma' dan il-proġett. Wara ser isir tħawwil ta' siġar fil-masġar ta' Darrenzi u l-avveniment ser jiġi konkluż b' bibita żgħir fuq il-post.

## 6. Affarijiet Mixxellanji

7.1 Mario Sammut ressaq proposta biex is-CCTV camera u l-apparat relatat jiċċaqlaq minn Triq San Pietru u jiġi nstallat fi' Triq Ganfra, peress li il-Bring In Sites issa jinsabu f' dan il-post. Hu semma' li kien tkellem ma' l-Alberta sabiex jevalwaw l-ispiza biex imexxu dan l-apparat, peress li huma kienu rebħu it-tender għall-dan il-proġett u kienu huma l-installaw dan l-apparat fi' Triq San Pietru.

7.2 Ġew diskussi 2 proposti għall-immanniġjar tat-traffiku fil-qalba tal-lokalita'. L-ewwel proposta hija dwar Triq il-Majjistral u jekk din għandix tibqa' one-way jew tinfetaħ għall-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet u bl-installazzjoni ta' Traffic calmers. It-tieni proposta tikkontempla sabiex Triq Santa Marija minn Triq Fisher 'l isfel tiġi one way 'l isfel biss, Triq Ħaġrat tiġi one-way bit-traffiku jgħaddi fid-direzzjoni tal-pjazza biss u Triq Sir Harry Luke il-biċċa t' isfel issir one-way titla' 'l fuq lejn Triq Fisher/Wesgħat il-Ġublew.

7.3 Ġie deċiż li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tat-toroq in kwistjoni biex il-Kunsill jirċievi ir-reazzjonijiet tagħhom. Din il-laqgħa hija ppjanata li ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Frar fil-għaxija, fil-bini tal-Kunsill.

## Aġġornament

Is-Seduta ntemmet fit-8:25pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| *Cyprian Dalli* | *Paul Vella* |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |